

Paġna Ewlenija > ... > Drittijietek > Il-Vittmi Ta' Delitti (għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità)
> Drittijiet Tal-vittmi - Skont Il-pajjiż > Greece

Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż

Il-kontenut ipprovdut
minn
Greċja

Greċja



Inti titqies bħala vittma ta' reat jekk tkun sofrejt dannu, pereż. ġejt ferut jew il-proprjetà tiegħek saritilha l-ħsara jew insterqet, bħala riżultat ta' inċident li jikkostitwixxi reat skont il-liġi Griega. Bħala vittma ta' reat, il-liġi tagħtik ċerti drittijiet individwali qabel, waqt u wara l-proċess.

Il-proċedimenti kriminali fil-Greċja jibdew bl-investigazzjoni (*dierévnisi*) tar-reat. Xi drabi l-investigazzjoni tkun maqsuma f'investigazzjoni preliminari (*prokatarkikí exétasi*) u investigazzjoni ġudizzjarja (*anákrisi*). L-għan ta' investigazzjoni preliminari huwa li tesplora ċ-ċirkustanzi tal-każ u tistabbilixxi jekk għandhomx jinbdew proċedimenti kriminali jew le.

L-investigazzjoni titwettaq mill-pulizija u minn uffiċjali tal-qorti — il-prosekutur pubbliku (*eisangeléas*), l-imħallef inkwirenti (*anakritís*), jew it-tnejn. Fit-tmiem tal-investigazzjoni, l-uffiċjal tal-pulizija responsabbli mill-każ jgħaddi l-evidenza kollha miġbura lill-prosekutur. Il-prosekutur imbagħad jeżamina l-ħidma li tkun saret sa dak il-ħin u jgħaddi l-każ lill-qorti flimkien mar-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar kif il-każ għandu jkompli jipproċedi.

Wara li tirreżamina l-fajl tal-każ u r-rakkomandazzjonijiet tal-prosekutur, il-qorti tordna li jsir proċess jew tagħlaq il-każ.

Fil-proċess, il-qorti tikkunsidra l-evidenza kollha miġbura u tiddeċiedi jekk l-akkużat huwiex ħati jew le. Jekk il-konvenut jinstab ħati, huwa jiġi kkundannat u mogħti s-sentenza. Jekk il-konvenut jinstab mhux ħati, huwa jiġi liberat.

Għal aktar informazzjoni, irreferi għal-links li ġejjin:

[1 Drittijiet bħala vittma ta' reat](#)

[2 Irrapportar ta' delitt u drittijiet tiegħi waqt l-investigazzjoni jew il-proċess](#)

[3 Iddrittijiet tiegħi wara l-proċess](#)

[4 Kumpens](#)

[5 Iddrittijiet tiegħi għallappoġġ u għallassistenza](#)

L-aħħar aġġornament: 19/06/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.